# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A** Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. **(10 marki)**

1. Il-qaddisin saru qaddisin għax (ma kellhomx tentazzjonijiet, għarfu jegħlbu t-tentazzjonijiet li kellhom).
2. It-Trasfigurazzjoni hija l-ġrajja ta' meta (Ġesù deher mibdul fuq il-muntanja Tabor, niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli).
3. Ġesù wieġeb hekk lix-xitan meta dan ittantah (fuq is-salib, fid-deżert): "Lill-Mulej Alla tiegħek għandek tadura u lilu biss taqdi."
4. (Ir-raba', L-ewwel) kmandament huwa: "Jien Hu Alla sidek; ma jkollokx Alla ieħor għajri."
5. "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek" hija t-talba ta' (San Franġisk, San Luqa).
6. Fit-Testment il-Qadim (l-ilma, is-sħaba kollha dawl) kienet tfisser il-preżenza t'Alla.
7. Iż-żmien ta' qabel l-Għid jissejjaħ (l-Avvent, ir-Randan).
8. (Fil-Ġenesi, Fl-Eżodu) naqraw kif Alla ħalaq id-dinja.
9. Alla tana (moħħ, kotba) biex nagħrfu nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin.
10. (L-Islam, L-Induiżmu) jgħallem li Alla jippremja lit-tajbin u jikkastiga lill-ħżiena.

**Taqsima B** Qabbel. **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Fil-ġenna m'hemmx | | u itolbu biex ma tiġux fit-tiġrib.' |
| 2. | 'Hienja dawk li | | fuq ix-xbieha t'Alla. |
| 3. | Min jirrispetta lill-ġenituri | | l-agħar espressjoni ta' tkasbir lejn Alla. |
| 4. | Ġesù kien jobdi | | aħna nikkomunikaw m'Alla. |
| 5. | Mulej, int ħlaqtna għalik u | | kienu mistiedna għall-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf.' |
| 6. | Bit-talb | | biex iħajjarna u jorbotna miegħu. |
| 7. | Ix-xitan jinqeda bil-kurżità tagħna | | aktar mewt. |
| 8. | Is-sataniżmu huwa | | qalbna ma tistrieħx jekk mhux fik.' |
| 9. | Ġesù għallem, 'Ishru | | lil Marija u lil Ġużeppi. |
| 10. | Aħna maħluqin | | ikollu għomor twil. |

**Taqsima Ċ** Wieġeb dawn il-mistoqsijiet. **(20 marka)**

1. Liema kmandament igħidilna kif għandna nġibu ruħna mal-ġenituri tagħna?

______________________________________________________________ (2 marki)

2. Xi tfisser il-kelma 'weġġaħ'?

______________________________________________________________ (2 marki)

3. X'għamel Tobija biex juri rispett lejn missieru?

______________________________________________________________ (2 marki)

4. Semmi ġrajja mill-Evanġelju fejn Ġesù obda lill-ġenituri tiegħu.

______________________________________________________________ (2 marki)

5. Semmi **erba'** modi kif għandek turi l-apprezzament tiegħek lejn il-ġenituri?

i) ______________________________________________________________

ii) ______________________________________________________________

iii) ______________________________________________________________

iv) ______________________________________________________________ (8 marki)

6. Semmi **żewġ** okkażżjonijiet meta aħna m'għandniex nobdu lill-ġenituri tagħna.

i) ______________________________________________________________

ii) ______________________________________________________________ (4 marki)

**Taqsima D** Fisser dawn is-sentenzi mill-Bibbja. **(20 marka)**

1. "Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi." *(Ġw. 14,6)*

______________________________________________________________

2. "Intom it-tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej, dan hu s-sewwa." *(Efesin 6,1)*

______________________________________________________________

3. "Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu li jinsab jgħammar fikom?" *(1 Kor. 6,19)*

______________________________________________________________

4. “Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma’ martu u jsiru ġisem wieħed.” *(Ġen. 2,24)*

_______________________________________________

5. “Nisslu u oktru u imlew l-art.” *(Ġen. 1,28)*

_______________________________________________

**Taqsima E** Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. **(20 marka)**

It-tentazzjoni ta’ Ġesù. *(Mt. 4, 1-11)*
It-tliet tentazzjonijiet nistgħu niġbruhom b’dan il-mod:

a. ‘Jekk inti Bin Alla, ordna lil dan il-ġebel isir ħobż.’
b. ‘Jekk inti Bin Alla, inxteħet għal isfel minn fuq il-quċċata tat-tempju għax hemm miktub li lill-anġli tiegħu jordnalhom jieħdu ħsiebek.’
ċ ‘Nagħtik is-saltniet kollha tad-dinja u l-glorja tagħhom jekk tinxteħet tadurani.’

Wieġeb:

1. Fejn kien qiegħed Ġesù f’din is-silta?

_______________________________________________ (marka)

2. Kemm kien ilu sajjem?

_______________________________________________ (2 marki)

3. X’nifhmu bil-kelma ‘tentazzjoni’?

_______________________________________________ (2 marki)

4. Minn fejn jistgħu jiġuna t-tentazzjonijiet?

(a) ____________________ (b) ____________________

(ċ) ____________________ (3 marki)

5. It-tentazzjoni hi dnub? __________ Għaliex?

_______________________________________________ (4 marki)

6. Meta t-tentazzjoni ssir dnub?

_______________________________________________ (2 marki)

7. Ġesù dejjem wieġeb lix-xitan: “Hu miktub”. Miktub fejn?

_______________________________________________ (2 marki)

8. Kemm-il darba kien ittantat Ġesù f'din is-silta?

_______________________________________________________________ (2 marki)

9. Kif tista' tegħleb it-tentazzjoni?

_______________________________________________________________ (2 marki)

**Taqsima F** Ikteb madwar 80 kelma b'kollox fuq iż-żewġ temi li ġejjin: **(20 marka)**

1. L-allat differenti li jista' jkolli f'ħajti (flus, ħbieb ħżiena, divertiment, karriera, suċċess). (10 marki)

2. Matul ħajtu Ġesù wera l-imħabba tiegħu lejn l-oħrajn (fqar, morda, midinbin, imwarrbin, maħkuma mix-xitan). Irrakkonta kif Ġesù għamel dan. (10 marki)